MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 128/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**John Cassar u Alfred Perini**

Dan huwa appell minn sentenza li sabet lill-appellanti ħatja taħt l-art. 85 tal-Kodiċi Kriminali.

L-appellanti kienu mixlija flimkien ma' ieħor talli, fl-1 ta' Jannar 2004 u/jew fix-xhur ta' qabel, ġewwa *Peacehaven Apartment*, fi Triq Sant'Antnin, San Pawl il-Baħar, mingħajr ħsieb li jisirqu jew li jagħmlu ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċitaw dritt li jippretendu li għandhom, ġiegħlu jew xort'oħra bl-awtorità tagħhom infushom fixklu lil Alexander Falzon fil-pussess ta' ħwejġu.

B'sentenza mogħtiha fis-6 t'April 2006, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-appellanti ħatja tar-reat taħt l-art. 85 tal-Kodiċi Kriminali u ikkundannathom għall-ħlas ta' multa ta' tliet mitt lira (Lm300).

B'rikors tat-18 t'April 2006 l-appellanti talbu illi din il-qorti jew tħassar is-sentenza u hekk teħlishom minn kull ħtija u piena, jew tirriformaha fil-parti tal-piena billi tagħti piena aktar xierqa.

Il-fatti ta' dan il-każ seħħew hekk:

L-appellanti flimkien ma' ieħor huma s-sidien, kull wieħed *pro diviso*, ta' tliet appartamenti fi blokk f'San Pawl il-Baħar. Kienu xtraw dawn l-appartamenti, flimkien ma' sehem mhux maqsum mill-partijet komuni, mingħand is-soċjetà *Nozlaf Estates Limited* li żammet ukoll sehem mill-partijiet komuni. Ġara li nqalgħu xi kwsitjonijiet bejn l-appellanti u *Nozlaf Estates Limited*, li kien jidher għaliha Alexander Falzon, u, biex tgħaddi tagħhom, l-appellanti bidlu s-serratura tal-bieb ta' barra tal-blokk u lil Falzon ma ridux jagħtuh kopja, biex hekk żammewh milli jidħol fil-proprjetà li kienet f'idejn is-soċjetà rappreżentata minnu.

L-ewwel qorti sabet illi, b'dan l-għemil, l-appellanti ħadu l-liġi f'idejhom bi ksur ta' dak li jgħid l-art. 85 tal-Kodiċi Kriminali:

**85.** Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi ta' l-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:

Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.

L-aggravji ta' l-appellanti huma dawn:

1. Is-sidien u dawk li kellhom aċċess għal jew pussess ta' l-appartamenti huma John Cassar, Alfred Pierini, Carmelo Cini u s-soċjetà *Nozlaf* [*Estates*] *Limited*. L-appellanti kienu mixlija li fixklu lil Alexander Falzon u mhux lil *Nozlaf Estates Limited*; kien biss waqt ix-xhieda ta' Alexander Falzon li ssemmiet *Nozlaf Estates Limited*, u Falzon xehed ukoll illi hu kien jidher f'isem is-soċjetà; Falzon personalment ma kellux aċċess;
2. Alexander Falzon ma qalx li ra lill-appellanti jagħmlu xi att ta' spoll; li qal Falzon kien li l-appellanti qalulu illi ma kinux sejrin iħalluh jidħol, iżda ħadd mill-appellanti ma

qallu illi kienu huma jew xi wieħed minnhom li bidlu s-serratura, u ma kinux l-appellanti biss li kellhom aċċess għall-blokk. Il-fatt biss li ma ridux jagħtu lil Falzon kopja taċ-ċavetta la jfisser li kienu huma li bidlu s-serratura u lanqas ma jagħmilhom ħatja ta' *ragion fattasi*; u

3. il-piena kienet ħarxa żżejjed, aktar u aktar fid-dawl tal-fatt illi issa l-kwistjoni bejn l-appellanti u Falzon ġiet riżolta.

Ebda wieħed minn dawn l-aggravji, fil-fehma tal-qorti, ma hu ġustifikat.

Ir-reat taħt l-art. 85 tal-Kodiċi Kriminali huwa reat kontra l-pussess materjali, u huwa maħsub biex ma jħallix lil min, bl-awtorità tiegħu nnifsu u *per vie di fatto* flok *vie di diritto* jibdel stat ta' fatt kontra r-rieda ta' min igawdi minn dak l-istat ta' fatt. Fil-każ tallum Alexander Falzon *de facto* kellu aċċess għall-partijiet komuni, qabel ma kien imċaħħad minn dak l-aċċess bil-bdil tas-serratura. Għalhekk Alexander Falzon tassew ġie mfixkel fil-pussess ta' ħwejġu.

L-ewwel aggravju għalhekk huwa miċħud.

Fit-tieni aggravju l-appellanti jgħidu illi ma hemmx prova illi kienu huma li bidlu s-serratura, u hekk fixklu lil Falzon fil-pussess ta ħwejġu. Fil-fatt iżda Falzon xehed quddiem din il-qorti – bla ma kien imgiddeb jew kontestat – illi kienu l-appellanti li bidlu s-serratura u illi qalulu wkoll li kienu għamlu hekk u li ma kinux sejrin jagħtuh iċ-ċavetta.

Fil-fehma tal-qorti hemm prova biżżejjed kontra l-appellanti, u dan l-aggravju wkoll huwa miċħud.

L-aħħar aggravju jolqot il-piena.

L-appellanti ngħataw piena ta' multa ta' tliet mitt lira u qegħdin igħidu illi din il-piena hija wisq.

Fil-fatt l-art. 85 tal-Kodiċi Kriminali jaħseb għall-piena ta' priġunerija, u huwa biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali illi l-qorti għandha tagħti l-piena anqas ħarxa ta' multa. Fil-fatt kien għar-raġuni msemmija fir-rikors ta' l-appell – "in vista tal-fatt li llum kollox ġie riżolt bejn il-partijiet" – illi l-ewwel qorti tat il-piena anqas ħarxa. Meta tqis illi li tieħu l-liġi f'idejk huwa reat serju kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, għax stat ta' dritt ma jistax jaħdem sew jekk in-nies jitħallew jieħdu l-liġi f'idejhom, u illi ma għandux jiddgħajjef id-deterrent kontra dan id-delitt, din il-qorti hija tal-fehma

illi ma għandhiex tkompli tnaqqas il-piena mogħtija mill-ewwel qorti.
Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell u twettaq f'kollox is-sentenza appellata.
Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta' din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------